MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Numru. 795/2012

Il-Pulizija
(Sp Anna Marie Micallef)
vs
Ġuzeppa Farrugia, bint Fortunato, imwielda iż-Żurrieq fis-17 ta’ Frar, 1947, karta ta’ l-identita numru 249447(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli, f’dawn il-Gżejjer, fix-xahar ta’ Mejju, 2012:
1. għamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħalet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żiedet jew biddlet

klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
2. fl-istess żmien u ċirkostanzi xjentement għamlet użu minn att, kitba jew skrittura falza;
3. fl-istess żmien u ċirkostanzi, sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat tagħrif falz;
4. fl-istess żmien u ċirkostanzi, għamlet falsifikazzjoni oħra jew xjentementgħamlet użu minn xi dokument ieħor iffalsifikat.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni skont il-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012 fejn deher it-Tabib Dottor Raymond Sacco li nforma l-Qorti li hu qed jaħfer lill-imputata u li ma saret ebda ħsara bil-falsifikazzjoni tal-firma tiegħu anzi tħaffef il-proċess ta' l-analiżi tad-demm għal pazjenta li kienet fil-bżonn.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012 fejn l-imputata ammettiet it-tieni u it-tielet akkuża miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tal-ewwel u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberhaha mill-istess akkużi. Issibha ħatja tat-tieni u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 184 u 188 tal-Kodiċi Kriminali. Minħabba l-fatt li dak li wettqet l-imputata għalkemm illegali iżda kien ta' benefiċċju għall-

pazjenta li kellha bżonn urgenti ta' analiżi tad-demm il-piena ser tkun waħda minima. Għalhekk, ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-liġijiet ta' Malta bla kondizzjoni. Fiċ-ċirkostanzi ma hemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti fil-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------